# DISGRAZZJA FIT-TARZNA

*Bħal żiffa riħ xterdet l-aħbar. U ħarġu*
*Minn djarhom nisa u tfal. Fost it-tħarbit*
*Tal-belt imġarrfa—fniek ma' ġenb il-bejta—*
*Ingħaqdu gzuz ta' nies, u ta' sikwit*

*Kont tisma' biki, u tara jdejn ixejru*
*U xagħar mar-riħ jittajjar fost l-ilfiq*
*Ta' mistoqsija mbeżżgħa: "Forsi żewġi?"*
*"Mhux ibni, hux?", "Mhux hija?" U hekk, minn triq*

*Għal oħra (jekk triqat tista' ssejħilhom*
*It-trinek fejn xi darba kien hemm djar)*
*Kont tisma' karb, u tara wċuh imbikkma*
*U għajnejn imberrqa jħarsu lejn is-swar*

*Ta' fuq it-Tarzna. U meta, mas-sirena,*
*Ta' dal-munġbell ta' ħidma nfetħu l-bwieb*
*U fawwret xmara ta' bnedmin, inġabru*
*L-uċuh imbikkma jfittxu 'l-qraba, 'l-ħbieb,*

*Kien hemm bħal sikta fuq xofftejn il-kotra,*
*Kien hemm bħal demgħa fuq ħaddejn l-eluf,*
*Kien hemm il-ħamba ħiemda li tinstama'*
*Meta minn dlamha l-mewt tixxerref tħuf.*

*U resqet fuqi tifla, ħafja, mlibbsa*
*Ilbies il-faqar, u staqsietni: "Taf*
*Jekk hux minn Bormla dak li miet?" Weġibtha:*
*"Le, minn Bormla mhux, żgur." Kif il-ħuttaf*

*Jidher mument f'titjirtu, biex bħal leħħa*
*Ta' berqa jgħib fix-xein, hekk għamlet dik:*
*Tbissmet u għajtet: "Mela mhux missieri!"*
*U ġriet bl-aħbar lejn darha. U jien ħsibt fik,*

*Ja dar imsejkna, fejn tinsab miġbura*
*Familja, u minnha s'issa ma jaf ħadd*
*Li l-mewt ġa firxet dellha fuq dik l-għatba*
*Mnejn ħareġ min ma jerġa' jidħol qatt.*

29. V. 47.

GEORGE ZAMMIT.